



2025/2043

13.10.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2043

tal-10 ta' Ottubru 2025

dwar l-istruttura, id-dettalji tekniċi u l-proċess għall-preżentazzjoni tal-evidenza dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima u l-effetti ta' legat fuq il-ħamrija organika skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13b(10) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/841 jipprovdi lill-Istati Membri b'aċċess għal kumpens għal emissjonijiet eċċessivi speċifiċi u tnaqqis tal-assorbimenti. F'konformità ma' dak ir-Regolament, tali emissjonijiet u assorbimenti jeħtieġ li jkunu attribwibbli, jew għall-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima li jirriżulta f'emissjonijiet eċċessivi jew fi bjar li qed jonqsu li ma jkunux fil-kontroll tal-Istati Membri u li ma jikkwalifikawx bħala disturbi naturali, jew għall-effetti ta' legat tal-prattiki ta' ġestjoni tal-imgħoddi fl-Istati Membri bi proporzjon eċċezzjonalment għoli ta' ħamrija organika fiż-żona tal-art ġestita tagħhom.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 13b(8) tar-Regolament (UE) 2018/841, l-aridità trid titqies bħala karatteristika ambjentali għall-identifikazzjoni taż-żoni affettwati mill-impatti fit-tul tat-tibdil fil-klima. Għalhekk jixraq li wieħed jibbaża fuq l-indiċi tal-aridità sabiex jiġu analizzati l-bidliet fil-proporzjon bejn il-ħtiġijiet tal-ilma u d-disponibbiltà tal-ilma fuq perjodi twal ta' żmien. Id-distribuzzjoni ġeografika tal-bijomi u l-produttività tal-art ġestita huma intrinsikament marbuta mal-aridità. Peress li l-indiċi tal-aridità jinkludi l-varjabbli ewlenin tal-preċipitazzjoni u l-evapotraspirazzjoni potenzjali u huwa insensittiv għall-impatti lokali tal-attività tal-bniedem, huwa mezz affidabbli biex jiġu analizzati l-bidliet fil-proporzjon bejn il-ħtiġijiet tal-ilma u d-disponibbiltà tal-ilma fuq perjodi twal ta' żmien.
- (3) Iż-żoni li l-klassi ta' aridità tagħhom inbidlet minn umdużi jew subumdużi nexfin għal semiaridi, aridi jew iperaridi kif deskritt fil-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, jew iż-żoni kklassifikati bħala semiaridi, aridi jew iperaridi li l-indiċi tal-aridità rispettiv tagħhom naqas, qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet ikkawżati mill-iskarsezza tal-ilma. Iż-żieda fl-iskarsezza tal-ilma tista' tirriżulta f'bidliet ikkaratterizzati minn kopertura tal-veġetazzjoni inqas densa, karbonju organiku baxx fil-ħamrija, struttura fqira tal-ħamrija, tnaqqis fil-bijodiversità tal-ħamrija, u rata għolja ta' erożjoni tal-ħamrija. Dawn l-iżviluppi jnaqqsu kemm il-potenzjal tas-sekwestru tal-karbonju tal-art kif ukoll ir-reżiljenza klimatika tagħha. Għalhekk jenħtieġ li żona li għaddiet minn tali bidla titqies bħala żona affettwata mill-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima.
- (4) Sabiex tkun tista' tintuża data potenzjalment ta' kwalità ogħla appoġġata mill-komunità xjentifika, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw indiċijiet għajr l-indiċi tal-aridità għad-determinazzjoni taż-żoni affettwati mill-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima diment li juru r-rabta bejn l-impatti fit-tul tat-tibdil fil-klima u l-kapaċità mnaqqsa tas-sekwestru tal-karbonju.
- (5) Hija Prattika komuni fil-komunità xjentifika li l-okkorrenza ta' fenomeni naturali li huma ugwali għal jew li jaqbżu l-85 perċentil ta' distribuzzjoni tiġi deskritta bħala eċċezzjonali. Għalhekk, jixraq li l-proporzjon ta' ħamrija organika fiż-żona tal-art ġestita ta' Stat Membru jitqies bħala eċċezzjonalment għoli meta pparagunat mal-medja tal-Unjoni, meta jkun ugwali għal jew ogħla mill-85 perċentil tad-distribuzzjoni tal-frekwenza ta' tali proporzjonijiet tal-Istati Membri kollha.

⁽¹⁾ ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj>.

- (6) L-effetti ta' legat tal-prattiki tal-ġestjoni tal-imgħoddi fuq il-ħamrija organika, bħall-iskular jew l-afforestazzjoni fuq it-torbieri, jistgħu jaċċelleraw id-degradazzjoni tal-ħamrija organika u, għaldaqstant, jiġġeneraw emissjonijiet tal-ħamrija fit-tul, li jwasslu għal ekosistemi inqas reżiljenti. Għalhekk, iż-żoni li juru impatti negattivi ta' tali Prattiki tal-ġestjoni tal-imgħoddi jenħtieġ li jitqiesu wkoll bħala żoni affettwati mill-effetti ta' legat.
- (7) Sabiex ma jiġux imminati l-integrità tar-Regolament (UE) 2018/841 u l-isforzi tal-Istati Membri biex jilhqqu l-miri tal-2030 stabbiliti f'dak ir-Regolament, l-Istati Membri li jfittxu li jagħmlu użu mill-kumpens addizzjonali previst f'dak ir-Regolament jenħtieġ li jippreżentaw evidenza tal-azzjoni li hađu biex itejbu l-prestazzjoni klimatika fiż-żoni affettwati, kemm f'termini ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll f'termini ta' reżiljenza għaliha. Tali miżuri ta' politika huma prerekwiżit għall-użu tal-mekkaniżmu ta' flessibilità. Fil-każ ta' effetti fit-tul tat-tibdil fil-klima, l-isforzi tal-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li għalhekk jinkludu Prattiki u teknoloġiji tal-ġestjoni sostenibbli tal-art, u fil-każ tal-effetti ta' legat tal-prattiki tal-ġestjoni tal-imgħoddi fuq il-ħamrija organika, jenħtieġ li l-isforzi jinkludu l-ġestjoni tal-livell tal-wiċċ tal-ilma ta' taħt l-art jew Prattiki tal-ġestjoni ekwivalenti li jimminimizzaw l-impatti negattivi tal-effetti ta' legat, filwaqt li titqies ir-reżiljenza taż-żoni affettwati.
- (8) Sabiex tiġi pprovduta evidenza ta' emissjonijiet eċċessivi u tat-tnaqqis tal-assorbimenti, jixraq li jintuża paragon. Sabiex jinftehem il-kobor, f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO₂, tal-effetti fit-tul tat-tibdil fil-klima jew tal-effetti ta' legat tal-prattiki tal-ġestjoni tal-imgħoddi fuq il-ħamrija organika, iż-żona affettwata jenħtieġ li tiġi pparagunata ma' żona mhux affettwata tal-istess karatteristiċi ewlenin, bħad-daqs, l-użu tal-art, il-klima, il-konfigurazzjoni tat-terren u t-tip ta' ħamrija.
- (9) Peress li kemm l-effetti fit-tul tat-tibdil fil-klima kif ukoll l-effetti ta' legat tal-prattiki tal-ġestjoni tal-imgħoddi fuq il-ħamrija organika jirrikjedu treġġigħ lura tax-xejriet negattivi fuq l-assorbimenti bbażati fuq l-art, jixraq li tiġi ppreżentata evidenza ta' tali sforzi fil-bidu tal-perjodu ta' konformità tal-2026-2030.
- (10) Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-preżentazzjonijiet tal-inventarju tal-gassijiet serra meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (^(*)), id-data li tintuża biex tiġi pprovduta evidenza għall-ammont ta' kumpens għall-emissjonijiet eċċessivi u għat-tnaqqis tal-assorbimenti jenħtieġ li tikkonforma mal-istandards ta' trasparenza, akkuratizza, konsistenza, paragonabbiltà u kompletezza applikati għar-rieżamijiet tal-inventarju tal-gassijiet serra mwettqa f'konformità mal-Artikolu 38 ta' dak ir-Regolament.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOOTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "indiċi tal-aridità" tfisser il-proporzjon bejn il-preċipitazzjoni u l-evapotraspirazzjoni potenzjali;
- (2) "klassi tal-aridità" tfisser kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin li fihom iż-żoni huma kklassifikati skont l-indiċi tal-aridità:
- 0,65: Umdużi;
 - 0,50-0,65: Subumduzi nexfin;
 - 0,20-0,50: Semiaridi;

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj>).

— 0,05-0,20: Aridi;

— < 0,05: Iperaridi.

- (3) “ħamrija organika” tfisser ħamrija li tissodisfa jew id-definizzjoni bbażata fuq standards nazzjonali approvati, użata għar-rapportar skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC, United Nations Framework Convention on Climate Change), jew, fejn ma jkunx hemm tali standards, bl-użu tal-kriterji elenkati fil-Linji Gwida tal-2006 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change) (l-Anness 3 A.5. Klassifikazzjonijiet prestabbiliti tal-klima u tal-ħamrija, il-Kapitolu 3 fil-Volum 4).

Artikolu 2

Evidenza rigward żoni affettwati mill-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima

1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw, b'mod ġeografikament espliċitu, iż-żoni affettwati mill-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima.
2. L-evidenza li tikkorroborra l-identikazzjoni taż-żoni affettwati mill-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq l-indiċi tal-aridità. Żona li l-klassi tal-aridità tagħhatkun inbidlet minn umduża jew subumduża niexfa għal semiarida, arida jew iperarida, jew żona kklassifikata bħala semiarida, arida jew iperarida bi tnaqqis fl-indiċi rispettiv tal-aridità tagħha, għandha titqies bħala żona affettwata mill-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima.
3. Meta jkun debitament ġustifikat, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-evidenza tal-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima fuq indiċijiet oħra għajr l-indiċi tal-aridità. Dawk l-indiċijiet l-oħra għandhom juru r-rabta bejn l-impatti fit-tul tat-tibdil fil-klima u l-kapaċità mnaqsa tas-sekwestru tal-karbonju fiż-żona affettwata.
4. Id-data li tintuża biex jintwera l-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima għandha tirriżulta minn servizzi meteoroloġiċi uffiċjali, mill-awtoritajiet jew minn korpi xjentifiċi, u għandha tkun disponibbli fl-Unjoni kollha.
5. Ir-riżultat tal-analiżi tal-impatt fit-tul tat-tibdil fil-klima għandu juri bidliet rilevanti fil-klassijiet tal-aridità, billi tiġi pparagunata is-serje temporali ta' mill-inqas 20 sena konsekuttivi fil-perjodu mill-inqas mill-2001 sa tmiem l-2025.
6. L-evidenza msemija fil-paragrafi 2 sa 5 għandha tkun verifikabbli u għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) il-metodu li jintuża, id-data tal-input li tintuża u l-eżitu tal-identifikazzjoni msemija fil-paragrafu 1;
 - (b) deskrizzjoni tal-isforzi biex titreġġa' lura x-xejra ta' emissjonijiet eċċessivi jew bjar li qed jonqsu ġġenerati fiż-żoni identifikati skont il-paragrafu 1.

Artikolu 3

Evidenza rigward l-effetti ta' legat fil-ħamrija organika fl-Istati Membri bi proporzjon eċċezzjonalment għoli ta' ħamrija organika

1. Il-livell limitu għad-determinazzjoni tal-proporzjon eċċezzjonalment għoli ta' ħamrija organika, ipparagunat mal-medja tal-Unjoni, għandu jkun il-85 perċentil tad-distribuzzjoni tal-frekwenza tal-proporzjonijiet tal-ħamrija organika pparagunat mat-total taż-żona tal-art ġestita f'kull Stat Membru. Id-data li tiddetermina l-proporzjon ta' ħamrija organika fiż-żona tal-art ġestita hija stabbilita fl-Anness.
2. L-Istati Membri bi proporzjon eċċezzjonalment għoli ta' ħamrija organika ddeterminat skont il-paragrafu 1 għandhom jidentifikaw, b'mod ġeografikament espliċitu, iż-żoni affettwati mill-effetti ta' legat tal-prattiki tal-ġestjoni tal-imgħoddi li seħħew qabel l-2013.

3. L-evidenza li tikkorrobora l-identifikazzjoni taż-żoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun verifikabbli u għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

- (a) il-metodu li jintuża, id-data tal-input li tintuża u l-eżitu tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2;
- (b) deskrizzjoni tal-prattiki tal-ġestjoni tal-imgħoddi msemmija fil-paragrafu 2, inkluż il-perjodu ta' żmien tal-applikazzjoni tagħhom, akkumpanjata minn evidenza li turi l-okkorrenza tagħhom;
- (c) deskrizzjoni tal-isforzi biex titreġġa' lura x-xejra ta' emissjonijiet eċċessivi ġġenerati fiż-żoni identifikati skont il-paragrafu 2.

Artikolu 4

Evidenza tal-emissjonijiet eċċessivi u tat-tnaqqis tal-assorbimenti

1. L-evidenza tal-emissjonijiet eċċessivi u tat-tnaqqis tal-assorbimenti pprovduta mill-Istati Membri għandha tkun verifikabbli.

2. Għaż-żoni identifikati skont l-Artikolu 2(1), l-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq id-differenza tat-total tal-emissjonijiet u tat-total tal-assorbimenti ġġenerati matul il-perjodu 2026-2030 f'dawk iż-żoni, ipparagunata mat-total tal-emissjonijiet u mat-total tal-assorbimenti ġġenerati matul dak l-istess perjodu f'żona ta' dak l-Istat Membru b'tip ta' klima u ta' ħamrija simili u b'kategoriji tar-rapportar tal-art bl-istess Prattiki tal-ġestjoni, u li ma ġietx identifikata f'konformità mal-Artikolu 2(1). Dak il-paragun jista' jitwettaq ukoll fl-istess żona, bl-istess Prattiki tal-ġestjoni, f'perjodu storiku wara l-1990 li matulu dik iż-żona ma tikkwalifikax bħala żona affettwata mill-impatt fit-tul tat-tidbil fil-klima f'konformità mal-Artikolu 2(1).

3. Għaż-żoni identifikati skont l-Artikolu 3(2), l-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq id-differenza tat-total tal-emissjonijiet u tat-total tal-assorbimenti ġġenerati matul il-perjodu 2026-2030 f'dawk iż-żoni, ipparagunata mat-total tal-emissjonijiet u mat-total tal-assorbimenti ġġenerati matul dak l-istess perjodu f'żona ta' dak l-Istat Membru b'tip ta' klima u ta' ħamrija simili u b'kategoriji tar-rapportar tal-art simili, u li ma tikkwalifikax bħala affettwata f'konformità mal-Artikolu 3(2).

Artikolu 5

Proċess għall-preżentazzjoni tal-evidenza

1. L-Istati Membri li biħsiebhom jagħmlu użu mill-kumpens għall-emissjonijiet eċċessivi jew għat-tnaqqis tal-assorbimenti, għandhom jippreżentaw it-talba għal dak l-għan lill-Kummissjoni sat-30 ta' Novembru 2026. It-talba għandha tinkludi l-evidenza stabbilita fl-Artikolu 2 jew fl-Artikolu 3, kif applikabbli.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar l-eżitu tal-verifika tat-talba mhux iktar tard minn 3 xhur wara li tirċievi talba kompluta.

3. Wara l-eżitu tal-verifika msemmija fil-paragrafu 2, u mhux iktar tard mill-15 ta' Jannar 2032, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-evidenza stabbilita fl-Artikolu 4, inkluż deskrizzjoni tal-metodi li ntużaw.

4. Sal-31 ta' Mejju 2027, u kull sena minn hemm 'il quddiem, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaġġorna l-evidenza msemmija fl-Artikolu 2(6), il-punt (b), jew fl-Artikolu 3(3), il-punt (c), kif applikabbli, inkluż dwar il-progress li jkun sar lejn it-titjib tal-kapaċità tas-sekwestru tal-karbonju u tar-reżiljenza klimatika.

5. L-evidenza stabbilita fl-Artikoli 2, 3 u 4 għandha tkun trasparenti, akkurata, konsistenti, paragonabbli u kompluta.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Perċentil tal-proporzjon tal-ħamrija organika fiż-żona tal-art ġestita tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 3(1)

	Ħamrija organika totali (ettari)	Żona tal-art ġestita (ettari)	Perċentil tal-proporzjon tal-ħamrija organika fiż-żona tal-art ġestita fid-distribuzzjoni tal-frekwenza
L-Awstrija	35 193	8 387 000	62
Il-Belġju	2 720	3 068 918	42
Il-Bulgarija	3 201	11 100 190	23
Il-Kroazja	2 685	5 659 400	27
Ċipru	0	601 818	0
Iċ-Ċekja	20 816	7 886 922	58
Id-Danimarka	163 353	4 196 384	65
L-Estonja	713 246	4 141 134	88
Il-Finlandja	12 725 643	27 580 372	100
Franza	87 735	63 858 640	50
Il-Ġermanja	1 730 444	35 790 117	73
Il-Greċja	6 665	10 989 138	35
L-Ungerija	8 224	8 990 089	46
L-Irlanda	2 022 529	6 985 006	92
L-Italja	24 285	30 133 601	38
Il-Latvja	888 752	6 095 484	85
Il-Litwanja	538 448	6 287 720	77
Il-Lussemburgu	0	258 600	0
Malta	0	22 778	0
In-Netherlands	387 405	4 154 194	81
Il-Polonja	1 362 674	31 393 136	69
Il-Portugall	0	9 221 763	0
Ir-Rumanija	13 197	22 819 121	31
Is-Slovakkja	0	4 809 520	0
Is-Slovenja	4 227	2 027 300	54
Spanja	3	50 622 199	19
L-Iżvezja	11 682 346	37 726 543	96